KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 28/8/194/21

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 28

*L-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.00pm.

**Preżenti:**
Dominic Grima - *Sindku*
Darren Lynch - *Viċi Sindku*
Steven Axisa - *Kunsillier*
Ivan Bartolo – *Kunsillier*
Rita Delezio - *Kunsilliera*
Yvonne Arqueros – *Kunsilliera*
Neville Camilleri – *Kunsillier*

**Assenti b'apoloġija**
(Skont Ordni Permanenti
14A (3):

**Assenti:**

**Uffiċjal Preżenti:** Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi ma kien irċieva l-beda ittra ta' apoloġija.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr. 27 ġew approvati *nem com.*

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li qed tinforma lill-Kunsill Lokali Paola li l-applikazzjoni tal-Belt/Raħal Kulturali tas-sena ġiet meqjusa mhux eliġibbli biex tintagħżel fid-dawl li ma kienitx qed tilħaq wieħed mill-objettivi tal-skema.

3.2. Ittra bl-avukat wara li kien seħħ inċident bil-vettura fejn qed jiġi allegat li l-istess inċident seħħ kawża tal-bollards li jinsabu fi Triq St. Ubaldeska. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi kien ilu jilmenta mal-awtoritajiet dwar dawn il-bollards għal dawn is-sentejn fejn l-Awtorità tal-Ippjanar infurmat lil Kunsill li dan il-każ mhux fir-responsabiltà tal-Awtorità u għaldaqstant l-ilment ġie mgħoddi għall-investigazzjoni tal-Pulizija fejn il-pulizija infurmata f'dawn l-aħħar ġranet li s-sid kien qed jippreżenta dokument tal-2010 tal-Awtorità tal-Artijiet li tagħti permess sabiex dawn il-bollards jibqgħu fejn huma. Il-membri iddiskutew dan il-każ u qablu li l-Kunsill għandu jirrapporta l-każ lill-Awtorità tal-Artijiet u jitlob lill-istess Awtorità biex tirrevedi l-każ u f'każ li xorta tippermetti li dawn jitħallew, dawn għandom ikunu siguri għal kull min jgħaddi.

*Il-Kunsillier Axisa daħal issa.*

## 4. Presidents Fun Run

4.1. Is-Sindku qal li fl-aħħar ġranet kellu laqgħa mal-Eċċ. Tiegħu George Vella President ta' Malta, fejn dan ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex bħal kull sena jipparteċipaw fl-inizjattivi tal-Malta Community Chest Fund u jgħinu aktar minn qatt qabel fid-dawl tal-pandemija li wasslet sabiex ikunu kanċellati bosta attivitajiet. Is-Sindku żied li din is-sena il-*Fun Run* ser tkun organizzata f'kull lokalita fejn issir mixja/ġirja b'mod individwali. Il-membri iddiskutew l-parteċipazzjoni tal-Kunsill u r-rotta ppreparata mill-amministrazzjoni tal-Kunsill u qablu li l-Kunsill jipparteċipa bl-aħjar mod possibbli kif ukoll jara li jkun hemm l-parteċipazzjoni wkoll tal-għaqdiet tal-lokalità.

*Il-Kunsillier Bartolo daħal issa.*

## 5. Milied 2021

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi fl-aħħar ġranet kienet ġiet varata sejħa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għall-Espressjoni ta' interess għall-attivitajiet fil-Milied. Is-Sindku qal li dwar din l-espressjoni ta' interess kien avviċinat mis-Sindku tal-Marsa fejn offra opportunita lill-Kunsilli tal-madwar sabiex dawn japplikaw flimkien għal din l-iskema u ssir attività kbira tal-Milied li tinkludi Villaġġ tal-Milied fil-Marsa li tiftaħ ukoll is-sena tal-Marsa bħala Raħal Kulturali tal-2022. Il-membri iddiskutew din l-iskema u qablu li jipparteċipaw u talbu lis-Sindku sabiex jara li l-lokal ta' Paola ikun involut bl-aħjar mod possibbli għal din l-attività.

## 6. Suq

6.1. Is-Sindku informa lill-membri illi xtaq jiddiskuti dan l-item wara li f'laqgħat preċedenti huwa kien talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jindaga sew ma min il-Kunsill irid jaħdem sabiex is-Suq jiġi organizzat wara li r-riforma imwiegħda għada ma saritx. Is-Sindku żied illi ġie infurmat li r-riforma għada lura u għaldaqstant ppropona li jibdew il-laqgħat mal-Ministeru jew Dipartiment konċernat sabiex is-Suq jiġi organizzat u fost l-oħrajn jitnaqqas ukoll għal jumejn minn erbgħa.

6.2. Il-membri iddiskutew din il-materja u qablu li għandom jibdew id-diskussjonijiet mal-Ministeru/ Direttorat konċernat sabiex is-suq ta' Raħal Ġdid jitnaqqas għal jumejn u jkun organizzat aħjar.

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku xtaq jinforma lill-membri li dwar Ġnien il-Mediterran ftit ġranet wara l-aħħar laqgħa kellu kuntatt mad-Direttur Ġenerali ta' Parks Malta u ġie infurmat li fil-ġranet li ġejjin ser jaraw li jkunu qed jagħmlu xogħol ta' kuljum bħal tisqija, żbir, qtugħ ta' ħaxix ħażin eċċ. sakemm isiru wkoll l-pjanijiet tal-iżvilupp tal-ġnien. Huwa kompla li qed isiru wkoll l-aħħar preparamenti sabiex jibda wkoll ix-xogħol tal-Ġnien tal-Covid.

7.2. Is-Sindku fakkar kif tul dawn is-snin il-Kunsill kien qed jassisti bosta entitajiet permezz tal-fond għall-kawżi ġusti però kompla li minħabba l-pandemija sfortunatament dawn l-attivitajiet kienu twaqqfu. Huwa żied li hekk kif qed ikunu rilaxxati bosta regolamenti tal-pandemija kien qed jipproponi li issir attività għall Sqallija. Il-membri qablu.

## 8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.1. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-progress tax-xogħolijiet tal-pjazza li qed ikunu diskussi. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li kien inqala l-arblu li kien intlaqat kif ukoll li l-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta kellu l-approvazzjoni tal-Ministeru għall-Gvern Lokali sabiex isir ix-xogħol u jiġi ffinanzjat mill-Kunsill Konsultattiv però kien fadal biss l-approvazzjoni tal-Finanzi. Is-Sindku qal li b'din l-ispiża ta' madwar €130,000 għandom isiru bollards tad-dawl ta' kwalità, titranġa l-art tal-funtani, isiru tiswijiet tal-ħsarat li hemm u isir id-dwal tan-naħa ta' fuq u taż-*żebra crossings*. Il-Kunsillier Bartolo issuġerixxa wkoll li jekk ikun ser isir xogħol fil-pjazza naraw hux possibbli li isiru skips taħt l-art għall-skart.

8.2. Il-Kunsillier Axisa staqsa dwar l-installazzjoni tas-CCTV fl-akwata tac-*childcare centre* ta' Triq Ninu Cremona. Is-Sindku informa lill-membri illi l-Kunsill kien qed jistieden residenti li joffru supply tad-dawl għall-kameras li jkunu mbagħad installati mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ċċekkja dwar il-possibbiltà tal-enerġija solari però ġie infurmat li għall-kwalità li hemm bżonn l-aħjar ikun hemm servizz tad-dawl. Dwar is-CCTV is-Sindku xtaq ukoll iżid li mis-CCTV ta' Ġnien Dom Mintoff inqabdu u anke tħarrku persuni li ma ġabrux il-ħmieġ tal-annimali tagħhom. Kompla li anke dawn is-CCTV intużaw sabiex għadda rapport u filmati tat-tfal li inqabdu ikissru fil-ġnien u għamlu ħerba sħiħa. Dwar l-istess ġnien is-Sindku żied li għadu għaddej bid-diskussjonijiet mal-MTA sabiex isiru wkoll ix-xogħolijiet fl-istess ġnien bħat-tibdil tad-dwal.

8.3. Il-Kunsillier Bartolo staqsa dwar il-proposta tat-tindif tat-toroq u tal-ġwież tal-ħamiem li jikkontrolla is-sistema riproduttiva tal-ħamiem. Is-Sindku hawnhekk qal li l-ammont ta' skart li inġabar mill-spralli tax-xita kien tassew kbir u għaldaqstant żied li l-kultura ambjentali tal-Maltin għad trid tinbidel. Kompla li l-ikel tal-ħamiem imsemmi għadu ma twassalx fil-lokalita u li l-iskema qed issir mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

8.4. Il-Kunsilliera Delezio qalgħet li ġiet avviċinata min Rehab Malta sabiex issir laqgħa mis-Sindku jew ma rappreżentant tal-Kunsill mal-klijenti tal-istess entita. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera Delezio tgħaddilu l-informazzjoni sabiex jattendi għal din is-sessjoni.

8.5. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar il-progress tal-Masterplan tal-pjazza u dwar it-tabelli tal-iskart bl-Ingliż. Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-masterplan għaddej mill-Perit u s-Segretarju Eżekuttiv qal li kif jitnaqqas l-istokk tal-stickers tal-iskart preżenti jordna ġodda li jkunu bl-Ingliż ukoll.

8.6. Il-Kunsillier Camilleri qal li kuntrattur privat tal-ħwienet qed jiġbor l-iskart matul il-lejl u għaldaqstant dak l-iskart ma jkunx tan-nies. Is-Sindku qal li kien infurmat b'dan ukoll però s-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-liġi tgħid li l-iskart tal-ħwienet li jipprovdu l-ikel irid jinġabar minn ġewwa u mhux jitħalla barra biex jinġabar.

8.7. Il-Kunsillier Camilleri staqsa lis-Sindku jekk kellux diskussjonijiet ma' Transport Malta jew Infrastruttura Malta dwar il-permanenza tal-għeluq tat-toroq li minnhom tista' tidħol f'Ħal Tarxien f'Tal-Barrani hekk kif dan qed jikkaġuna wkoll traffiku f'Raħal Ġdid. Is-Sindku qal li ma kellux laqgħat dwar dan is-suġġett u ser jiċċekkja dwar dan mal-Awtoritajiet konċernati.

8.8. Il-Kunsillier Camilleri  staqsa wkoll dwar il-bollard tal-Green Corridor fid-dawl li tidher li qed tibqa maqlugħa u qed jidħlu xi vetturi. Is-Sindku qal li hemm persuna waħda biss li għanda aċċess għaċ-ċwievet ta' dak il-bollard fid-dawl li għandu l-garaxx f'dik l-akwata. Żied illi ser jara li isiru tabelli kif ukoll li l-bollard titpoġġa lura f'postha mal-ewwel.

8.9. Il-Kunsillier Bartolo staqsa wkoll dwar it-tabelli tal-Merħba fil-lokalita li jidher li hemm minnhom neqsin. Is-Sindku qal li dawk mhux neqsin imma tneħħew sakemm tlesta il-proġett tal-Marsa. Żied illi ser ikun qed jara mal-kuntrattur dwarhom.

KUNSILL LOKALI PAOLA

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 28 għas-somma ta' €32,663.18

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:30pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 27 ta' Ottubru 2021. Il-laqgħa kienet skedata għall-4.30pm bi qbil unanimu fid-dawl tal-impenji ta' uħud mill-membri.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 27 ta' Ottubru 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |